**QORTI ĊIVILI**

**(SEZZJONI FAMILJA)**

**ONOR. IMHALLEF**

**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar il-11 ta' Jannar 2023**

**Rikors Numru : 383/2022 JPG**

**Kawza Numru : 20**

**AM**

**Vs**

**LM**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' AM datat 15 ta' Lulju 2022, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

1) *Illi l-kontendenti kkontrattaw iz-zwieg taghhom f'Malta fl-1 ta' Mejju 2007 (Dok A) u minn dan iz-zwieg huma kellhom zewgt itfal;*

2) *Illi huma sseparaw permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni ppubblikat nhar it-22 ta' Dicembru 2021 fl-atti tan-nutar Francesca Cachia Zammit (Dok B);*

3) *Illi l-manteniment dejjem thallas u ma hemm l-ebda arretrati.*

4) *Illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-kontendenti;*

5) *Illi ghalhekk il-kondizzjonijiet mahsuba fl-imsemmi Artikolu 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta huma sodisfatti u in vista tal-fatt illi l-konjugi huma separate permezz ta' kuntratt ta' seprazzjoni, m'huwiex mehtieg illi ssir medjazzjoni bejniethom;*

6) *Illi l-esponenti qieghed jannetti l-affidavit tieghu bil-Malti (Dok C)*

*Ghaldaqstant l-esponenti jitolbu bir-rispett illi, a tenur tad-disposizzjonijiet tal-artikolu 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta, dina l-Onorabbli Qorti joghgobha, previa s-smiegh tal-partijiet kif mahsub fl-Artikolu 66C tal-Kapitolu 16 ukoll sabiex tigi stabbilita l-esistenza ta' dawk il-kondizzjonijiet mahsuba fl-imsmemi Artikolu 66B, tippronunzja id-divorzju bejn il-partijiet kif mahsub fl-imsemmi artikolu 66C.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat ir-risposta ta' LM, datata 9 ta' Novembru 2022, a fol 24 li taqra hekk:

1. *Illi l-partijiet izzewgu nhar l-1 ta' Mejju 2007 u minn dan iz-zwieg tnisslu zewgt itfal u cioe' l-minuri LKM imwieled M nhar X kif ukoll LVM li twieldet nhar Y u li llum il-gurnata hija lahqet l-eta' maggorenni;*

2. *Illi l-esponenti tiddikjara li ilha separata de facto minn ma zewgha sa mit-23 ta' Jannar 2021 u li sussegwentement huma sseparaw de jure tramite kuntratt ta' separazzjoni awtorizzat minn din l-Onorabbli Qorti nhar it-13 ta' Novembru 2021 u li gie ppubblikat nhar it-22 ta' Dicembru 2021 fl-Atti tan-Nutar Dottor Francesca Cachia Zammit;*

3. *Illi l-esponenti tikkonferma li t-tifel minuri qed jircievi manteniment adegwat u dan kif kontemplat fil-kuntratt ta' separazzjoni datat 22 ta' Dicembru 2021;*

4. *Illi m'hemm ebda manteniment dovut bejn il-partijiet;*

5. *Illi l-esponenti tiddikjara li l-partijiet qeghdin jghixu hajja totalment separata u ghaldaqstant ma tezisti ebda possibilita' ta' rikonciljazzjoni;*

6. *Illi l-esponenti diga irrevertiet ghal kunjomha xebba u cioe' M, u hija tiddikjara li tixtieq tibqa' kunjom xbubitha.*

   *Ghaldaqstant, in vista tas-suespost, l-esponenti mhux qed topponi ghall-ottjeniment ta' divorzju.*

Rat illi l-partijiet assistiti mill-avukati difensuri taghhom nhar l-14 ta' Novembru 2021, iddikjaraw li ma kellhomx aktar provi x'jipproducu jew trattazzjoni x'jaghmlu u stiednu l-Qorti tghaddi ghas-sentenza (vide fol 26);

Ezaminat ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**AM xehed** (vide affidavit fol 14) illi l-kontendenti zzewgu nhar l-1 ta' Mejju 2007 u li minn dan iz-zwieg kellhom zewgt ulied. Iddikjara illi filfatt dan iz-zwieg ma rnexxiex u l-kontendenti sseparaw legalment permezz ta' kuntratt datat 22 ta' Dicembru 2021, fl-atti tan-Nutar Dr Francesca Cachia. Xehed illi ma hemm ebda tama ta' rikonciljazzjoni u lanqas ma hemm ebda arretrati ta' manteniment.

**LM xehdet** (vide affidavit fol 25) u kkonfermat u kkorroborat dak li xehed zewgha.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza.***
>
> ***(… omissis)***
>
> ***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun***

***sodisfatta li:***

***(a) fil-każ li t-talba tkun qed issir miż-żewġ konjuġi flimkien, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sitt xhur mis-sena preċedenti:***

***Iżda fejn it-talba tkun qed issir minn konjuġi minnhom kontra l-ieħor, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sena mis-sentejn preċedenti; jew***

***(b) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti; u***

***(ċ) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(d) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ- ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment:***

***Iżda wkoll għall-fini ta' dan il-paragrafu, l-manteniment ordnat mill-qorti b'sentenza ta' separazzjoni jew miftiehem bejn il-miżżewġin f'kuntratt ta' separazzjoni għandu jiġi meqjus bħala manteniment adegwat:***

***Iżda wkoll id-divorzju ppronunzjat bejn persuni miżżewġin li kienu separati b'kuntratt jew b'sentenza ma jġib ebda bidla f'dak ordnat jew miftiehem bejniethom, ħlief għall-effetti tad-divorzju li joħorġu mil-liġi.***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement ppruvat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar l-1 ta' Mejju 2007, liema zwieg jgib certifikat numru 415/2007 (Vide certifikat taz-zwieg, fol 3. Minn dan iz-zwieg twieldu zewgt itfal.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt ppubblikat fl-atti tan-Nutar Dr Francesca Cachia nhar it-22 ta' Dicembru 2021 (vide fol 4 et seqq.). Ghalhekk jirrizulta illi l-kontendenti ilhom legalment separati ghal terminu ta' zmien li jeccedi dak rikjest mill-ligi.

Il-partijiet affermaw illi ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

Il-Qorti tqis inoltre li ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw r-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, liema zwieg jgib certifikat numru 415/2007 u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna illi l-ispejjes jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**